II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/955

tas-27 ta' Mejju 2021

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formoli, il-mudelli, il-proċeduri u l-arranġamenti tekniċi għall-pubblikazzjonijiet u n-notifiki ta' regoli ta' kummerċjalizzazzjoni, tariffi u imposti, u li jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata għall-ħolqien u ż-żamma tal-bażi ta' *data* ċentrali dwar il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u l-UCITS, kif ukoll il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri għall-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta' investiment kollettiv u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013 u (UE) Nru 1286/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 10(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 13(3), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Għandu jiġi żgurat li l-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali applikabbli li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għal fondi ta' investiment alternattivi (AIFs) u impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) tkun komparabbli. Għalhekk jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw mudelli għall-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni.

(2) Is-sommarji tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali applikabbli li jirregolaw ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS għandhom ikunu aċċessibbli faċilment. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw dawk is-sommarji fuq l-istess paġna web li fiha jiġu ppubblikati dawk il-liġijiet nazzjonali, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli. Dawn is-sommarji għandhom ikunu ċari, konċiżi u jinftiehmu faċilment.

(3) Il-maniġers tal-fondi ta' investiment alternattivi (AIFMs), il-maniġers tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (EuVECA), il-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (EuSEF) u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS għandhom ikunu jistgħu jivvalutaw minn qabel il-kost globali tal-attivitajiet transfruntiera f'kull Stat Membru. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tat-tariffi u l-imposti miġbura mill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fir-rigward ta' tali attivitajiet transfruntiera, dawk it-tariffi u l-imposti, jew l-elementi essenzjali għall-kalkolu ta' tali tariffi jew imposti, jenħtieġ li jiġu ppreżentati fil-forma ta' tabella.

(4) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għandha tkun tista' tivverifika jekk irċevietx l-informazzjoni kollha dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS u dwar is-sommarji tagħhom, u dwar it-tariffi u l-imposti miġbura b'rabta mal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS. L-ESMA għandha bl-istess mod tkun tista' tivverifika jekk dik l-informazzjoni hijiex kompluta u aġġornata. Għalhekk l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jinnotifikaw lill-ESMA dwar il-hyperlinks għas-siti web fejn tista' tinstab dik l-informazzjoni, jużaw formoli standardizzati.

([1]) ĠU L 188, 12.07.2019, p. 55.

(5) Kemm l-ESMA kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħtru punt ta' kuntatt uniku biex jibgħat u jirċievi informazzjoni dwar hyperlinks għas-siti web tagħhom fejn tiġi ppubblikata informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS.

(6) L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 jirrikjedi li l-ESMA tippubblika fuq is-sit web tagħha, sat-2 ta' Frar 2022, bażi ta' *data* ċentrali li jkun fiha l-AIFs, l-AIFM, il-maniġers tal-EuSEF, il-maniġers tal-EuVECA, il-UCITS u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS kollha li huma kkummerċjalizzati fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru tad-domiċilju. Dik il-bażi ta' *data* ċentrali għandha tiġi pprovduta b'informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara t-tmiem ta' kull trimestru li jintemm fil-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru. Għalhekk, kwalunkwe rekwiżit dwar l-għoti ta' tali informazzjoni fil-bażi tad-*data* ċentrali mill-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jibdiex japplika qabel it-2 ta' Frar 2022.

(7) Sabiex il-portal ta' notifika msemmi fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2019/1156 jiffunzjona mingħajr xkiel, jeħtieġ li l-arranġamenti tekniċi jinkludu l-faċilità li tittella' d-*data* ta' akkumpanjament fuq il-portal ta' notifika. L-ESMA għandha tiżgura l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni inkorporata fil-portal ta' notifika.

(8) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, peress li jistabbilixxu formoli, mudelli u proċeduri standardizzati għan-notifika lill-ESMA ta' informazzjoni relatata mad-distribuzzjoni transfruntiera tal-AIFs u l-UCITS u l-pubblikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' tali informazzjoni fuq is-siti web tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fl-istabbiliment tal-formoli standardizzati u minħabba l-interkonnessjonijiet sostantivi bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu inklużi f'Regolament wieħed.

(9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.

(10) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar id-dispożizzjonijiet tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) Madankollu, l-ESMA ma kkonsultatx dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni u fir-rigward tat-tariffi u l-imposti regolatorji relatati mal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, u dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata mill-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti lill-ESMA għall-fini tal-ħolqien u ż-żamma tal-bażi ta' *data* ċentrali dwar il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u l-UCITS u dwar l-arranġamenti tekniċi għall-funzjonament tal-portal ta' notifika peress li kien ikun sproporzjonat ħafna li jintalbu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar id-dispożizzjonijiet li jaffettwaw biss l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti.

(11) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-forniment tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni tiġi allinjata mad-data tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2019/1156 li għandhom x'jaqsmu ma' dak l-obbligu. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-ESMA għall-fini tal-ħolqien u ż-żamma tal-bażi ta' *data* ċentrali jenħtieġ li tiġi allinjata mad-data msemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 li tirrigwarda dak l-obbligu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Pubblikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156, billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

2. L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ppubblikata mill-awtoritajiet kompetenti, jew b'mod sħiħ fuq paġna web unika ddedikata tas-siti web tagħhom, jew fuq paġni web separati, li jistabbilixxu rispettivament l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għal fondi ta' investiment alternattivi (AIFs) u għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS).

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw sommarji tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b' mod ċar, konċiż u li jinftiehem faċilment, bl-użu tal-mudelli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Dawk is-sommarji għandhom jiġu ppubblikati fuq l-istess paġna web bħall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew fin-naħa ta' fuq jew fil-qiegħ ta' dik il-paġna web.

Artikolu 2

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar tariffi jew imposti miġbura mill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 b'mod separat għal kull tariffa jew imposta billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Notifiki lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) il-hyperlinks għas-siti web tagħhom fejn tiġi ppubblikata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, u kwalunkwe bidla għal dawk il-hyperlinks u għall-informazzjoni ppubblikata fuq il-paġni web ikkonċernati, billi jużaw il-mudelli stabbiliti fl-Anness IV.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA l-hyperlinks għas-siti web tagħhom fejn tiġi ppubblikata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2, u kwalunkwe bidla f'dawk il-hyperlinks u fl-informazzjoni ppubblikata fuq il-paġni web ikkonċernati, billi jużaw il-mudelli stabbiliti fl-Anness V.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bi kwalunkwe bidla fil-hyperlinks u fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara l-implimentazzjoni tal-bidla fuq is-sit web tal-awtorità kompetenti.

Artikolu 4

Punt uniku ta' kuntatt

1. Għall-finijiet tan-notifiki msemmija fl-Artikolu 3, kull awtorità kompetenti għandha taħtar punt ta' kuntatt uniku biex jibgħat l-informazzjoni u għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mas-sottomissjoni ta' tali informazzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar il-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-ESMA għandha tagħżel punt ta' kuntatt biex jirċievi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 1 u 2 u biex jikkomunika dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mar-riċeviment tal-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikoli.

4. L-ESMA għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 5

Informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-ESMA għall-fini tal-ħolqien u ż-żamma tal-bażi tad-*data* ċentrali dwar il-kummerċjalizzazzjoni transfruntiera tal-AIFs u l-UCITS

1. Għall-finijiet tal-ħolqien u ż-żamma tal-bażi tad-*data* ċentrali msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/1156, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju għandhom jibagħtu lill-ESMA l-informazzjoni speċifikata fit-Tabella 1 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe aġġornament tagħha fuq bażi trimestrali.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju għandhom jibagħtu lill-ESMA l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara t-tmiem ta' kull trimestru li jintemm fil-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru.

Artikolu 6

Arranġamenti tekniċi għall-funzjonament tal-portal tan-notifiki stabbilit mill-ESMA

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu, f'format XML komuni, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) billi jużaw il-format stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness VI.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 b'mod elettroniku permezz tal-portal ta' notifika stabbilit mill-ESMA skont l-Artikolu 13(2) ta' dak ir-Regolament.

3. L-ESMA għandha tiżgura l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 matul it-trażmissjoni tagħha permezz tal-portal ta' notifika.

4. L-ESMA għandha tiżgura li l-portal ta' notifika msemmi fil-paragrafu 2 awtomatikament jipproċessa u jivverifika l-informazzjoni trażmessa kollha u d-*data* li takkumpanjah u jibgħat feedback lill-awtorità kompetenti trażmittenti dwar is-suċċess tat-trażmissjoni u dwar kwalunkwe żball li jkun seħħ matul dik it-trażmissjoni.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, u l-Artikolu 3(1) għandhom japplikaw mit-2 ta' Awwissu 2021 u l-Artikolu 5 għandu japplika mit-2 ta' Frar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Mudell għall-pubblikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS

[Indika d-data meta l-informazzjoni ġiet immodifikata l-aħħar]

Din il-paġna fiha informazzjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera tal-impriżi ta' investiment kollettiv.

Rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-UCITS

(Daħħal informazzjoni aġġornata u kompluta dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali applikabbli li jirregolaw ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-UCITS, inklużi hyperlinks għall-verżjonijiet sħaħ ta' dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi)

L-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas il-kategoriji ta' regoli li ġejjin li jirregolaw:

(a) il-format u l-kontenut tal-materjal tal-kummerċjalizzazzjoni, inkluża l-identifikazzjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità kompetenti qabel il-bidu tal-kummerċjalizzazzjoni;

(b) verifika tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(c) obbligi ta' rappurtar fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni;

(d) reġim ta' passaportar;

(e) id-denotifika tal-arranġamenti li saru għall-kummerċjalizzazzjoni;

(f) regoli oħra li jirregolaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS applikabbli fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità kompetenti [*fejn applikabbli*].

Ċaħda ta' responsabbiltà: [*Isem l-awtorità kompetenti*] tat attenzjoni raġonevoli biex tiżgura li l-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-UCITS fi [*Isem l-Istat Membru*] inkluża f'din il-paġna web tkun aġġornata u kompluta. [*Isem l-awtorità kompetenti*] mhijiex responsabbli għaż-żamma ta' siti web esterni u mhijiex responsabbli għal kwalunkwe żball jew ommissjoni fuq kwalunkwe sit web estern li għalih huma pprovduti hyperlinks fuq din il-paġna web.

Rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs

(Daħħal informazzjoni aġġornata u kompluta dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali applikabbli li jirregolaw ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs, inklużi l-hyperlinks għall-verżjonijiet sħaħ ta' dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi). F'każ li tapplika kwalunkwe dispożizzjoni speċifika għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' AIFs (eż. AIFs ta' proprjetà immobbli, AIFs ta' ekwità privata, eċċ.), daħħal il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali rilevanti għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

L-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas il-kategoriji ta' regoli li ġejjin li jirregolaw:

(a) awtorizzazzjoni minn qabel għall-kummerċjalizzazzjoni;

(b) il-format u l-kontenut tal-materjal tal-kummerċjalizzazzjoni, inkluża l-identifikazzjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità kompetenti qabel il-bidu tal-kummerċjalizzazzjoni;

(c) verifika tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(d) il-kummerċjalizzazzjoni lil investituri fil-livell ta' konsumatur jew lil investituri professjonali;

(e) obbligi ta' rappurtar fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni;

(f) reġim ta' passaportar;

(g) distribuzzjoni ta' fondi stabbiliti f'pajjiż terz taħt ir-reġim nazzjonali ta' pjazzament privat [*fejn applikabbli*];

(h) id-distribuzzjoni ta' AIFs miftuħa u ta' AIFs magħluqa;

(i) id-denotifika tal-arranġamenti li saru għall-kummerċjalizzazzjoni;

(j) regoli oħra li jirregolaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs applikabbli fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità kompetenti [*fejn applikabbli*].

Ċaħda ta' responsabbiltà: [*Isem l-awtorità kompetenti*] tat attenzjoni raġonevoli biex tiżgura li l-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs fi [*Isem l-Istat Membru*] inkluża f'din il-paġna web tkun aġġornata u kompluta. [*Isem l-awtorità kompetenti*] mhijiex responsabbli għaż-żamma ta' siti web esterni u mhijiex responsabbli għal kwalunkwe żball jew ommissjoni fuq kwalunkwe sit web estern li għalih huma pprovduti hyperlinks fuq din il-paġna web.

Ħtiġiet oħra*

Minbarra d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, li huma stabbiliti speċifikament għall-kummerċjalizzazzjoni ta' [*UCITS/AIFs/UCITS u AIFs*], jista' jkun hemm dispożizzjonijiet legali oħra li jistgħu japplikaw meta jiġu kkummerċjalizzati fi [*Isem l-Istat Membru*], għalkemm mhumiex imfassla speċifikament għall-kummerċjalizzazzjoni ta' [*UCITS/AIFs/UCITS u AIFs*], skont is-sitwazzjoni individwali ta' dawk involuti fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ishma jew unitajiet ta' [*UCITS/AIFs/UCITS jew AIFs*]. Il-kummerċjalizzazzjoni fi [*isem l-Istat Membru*] tista' tiskatta l-applikazzjoni ta' rekwiżiti oħra, bħal [*speċifika l-korpi rilevanti tal-liġi nazzjonali li jistgħu jkunu applikabbli*].

Ċaħda ta' responsabbiltà: Din li ġejja hija lista mhux eżawrjenti ta' liġijiet nazzjonali li jistgħu jkunu applikabbli u [*Isem l-awtorità kompetenti*] mhix responsabbli għal xi ommissjoni f'dik il-lista. Is-superviżjoni tar-rekwiżiti li jirriżultaw minn dawn il-liġijiet mhijiex taħt is-superviżjoni ta' [*Isem l-awtorità kompetenti*]. L-applikabbiltà ta' dawn ir-rekwiżiti, u kwalunkwe rekwiżiti legali oħra, għandhom jiġu vvalutati qabel il-kummerċjalizzazzjoni jew l-investiment f' [*UCITS/AIF/UCITS jew AIF*]. Fejn teżisti inċertezza, dawk li jikkummerċjalizzaw jew jinvestu f'UCITS jew AIFs għandhom jiksbu parir indipendenti dwar ir-rekwiżiti applikabbli għas-sitwazzjoni individwali tagħhom.

* *Jekk ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-UCITS u r-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs jiġu ppubblikati fuq paġni web separati fuq is-sit web ta' awtorità kompetenti, ir-"rekwiżiti l-oħra" jridu jiġu ppubblikati fuq iż-żewġ paġni.*

ANNESS II

Mudell għall-pubblikazzjoni tas-sommarji tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS

[Indika d-data meta l-informazzjoni ġiet immodifikata l-aħħar jekk dan is-sommarju jiġi ppubblikat fuq paġna web separata għall-informazzjoni fl-Anness I]

Sommarju tar-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-UCITS

(Daħħal is-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-UCITS, filwaqt li tidentifika b'mod partikolari r-regoli li jirregolaw:

(a) notifika u approvazzjoni minn qabel tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni;

(b) kwalunkwe rekwiżit ieħor għall-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS li l-awtorità kompetenti tqis xieraq [*fejn applikabbli*].)

Sommarju tar-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs

(Daħħal is-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs, filwaqt li tidentifika b'mod partikolari r-regoli li jirregolaw:

(a) notifika u approvazzjoni minn qabel tal- kummerċjalizzazzjoni;

(b) notifika u approvazzjoni minn qabel tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni;

(c) il-kummerċjalizzazzjoni lil investituri fil-livell ta' konsumatur jew lil investituri professjonali;

(d) rekwiżiti addizzjonali applikabbli b'mod partikolari għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' AIFs li jeżistu skont il-liġi nazzjonali (eż. ekwità privata jew AIFs tal-proprjetà immobbli);

(e) kwalunkwe rekwiżiti oħra għall-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs li l-awtorità kompetenti tqis xieraq [*fejn applikabbli*].)

ANNESS III

Mudell għall-pubblikazzjoni ta' tariffi u imposti regolatorji

[Indika d-data meta l-informazzjoni ġiet immodifikata l-aħħar]

Din il-paġna fiha informazzjoni dwar it-tariffi u l-imposti mitluba minn [*isem l-awtorità kompetenti*] għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers ta' EuSEF, il-maniġers tal-EuVECA u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS imsemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera ta' impriżi ta' investiment kollettiv.

[L-awtoritajiet kompetenti jridu jużaw dan il-mudell biex jippubblikaw it-tariffi u l-imposti kollha li jimponu għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers tal-EuSEF, il-maniġers tal-EuVECA u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, filwaqt li jaqsmu t-tariffi u l-imposti, fost l-oħrajn, fil-kategoriji li ġejjin, kif applikabbli].

Tariffi u imposti tal-ġestjoni transfruntiera*

(a) ħlas għar-reġistrazzjoni;

(b) tariffi imposti għan-notifika ta' dokumenti u għal kwalunkwe aġġornament sussegwenti ta' notifika minn qabel;

(c) tariffi tal-passaportar;

(d) tariffi tal-ġestjoni;

(e) kwalunkwe tariffa jew imposta oħra applikabbli stabbilita skont il-liġi tal-Istat Membru *[fejn applikabbli]*.

Tariffi u imposti ta' kummerċjalizzazzjoni transfruntiera*

(a) tariffi ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni;

(b) ħlas għar-reġistrazzjoni;

(c) tariffi imposti għan-notifika ta' dokumenti u għal kwalunkwe aġġornament sussegwenti ta' notifika minn qabel;

(d) tariffi tal-passaportar;

(e) tariffi għad-denotifika;

(f) kwalunkwe tariffa jew imposta oħra stabbilita skont il-liġi tal-Istat Membru *[fejn applikabbli]*.

* *Meta ma jiġu imposti l-ebda tariffi jew imposti fir-rigward tal-kategoriji elenkati hawn fuq, trid tiġi inkluża d-dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li ġejja: "L-ebda tariffa u ħlas ma huma imposti minn [isem l-awtorità kompetenti] fir-rigward ta' [kategorija ta' attività rilevanti]".*

[Minbarra l-lista ta' tariffi u imposti li huma jimponu biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom fir-rigward ta' l-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers ta' EuSEF,

Il-maniġers ta' EuVECA u l-kumpaniji maniġerjali tal-UCITS, li hija stabbilita hawn taħt, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar l-istruttura ta' dawn it-tariffi u l-imposti.]

Mudell għat-tariffi u l-imposti

(*Isem jew deskrizzjoni qasira tat-tariffa jew l-imposta*)

(Bażi legali u hyperlink għall-verżjoni sħiħa tat-test legali rilevanti) (Entità responsabbli għall-ħlas tat-tariffa jew l-imposta)

(Attività li twassal għat-tariffa jew għall-ħlas)

(Deskrizzjoni tal-istruttura tat-tariffa jew tal-ħlas, inkluż, fost l-oħrajn, l-informazzjoni li ġejja:

(a) L-ammont — fejn huwa stabbilit bħala ammont fiss — jew il-metodoloġija tal-kalkolu għall-kalkolu tat-tariffa jew l-imposta — inkluż, b'mod partikolari, il-perċentwal, il-bażi tal-kalkolu, u l-indikazzjoni, kif applikabbli, tal-ammont minimu jew massimu tat-tariffa jew l-imposta, flimkien ma' eżempju;

(b) Jekk hijiex tariffa jew imposta inizjali jew kontinwa u, kif applikabbli, il-perjodiċità;

(c) Id-data li fiha trid titħallas it-tariffa jew l-imposta; kif ukoll

(d) Kwalunkwe dettall addizzjonali.)

(L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar l-istruttura, il-perjodiċità, jew il-metodoloġija tal-kalkolu tat-tariffa jew tal-imposta. Meta l-awtorità tqis li l-informazzjoni li tinsab fir-ringieli ta' hawn fuq tista' ma tkunx ċara jew tkun qarrieqa, informazzjoni addizzjonali hija obbligatorja.)

Ċaħda ta' responsabbiltà: The fees or charges listed above are those that are levied by [*name of the competent authority*]. Madankollu, il-kummerċjalizzazzjoni ta' UCITS jew AIFs fi [*isem l-Istat Membru*] tista' ġġarrab spejjeż oħra relatati ma' obbligi amministrattivi, pariri minn partijiet terzi jew żvilupp kummerċjali. [*Name of the competent authority*] is not responsible for maintaining external websites and is not liable for any error or omission on any external website to which hyperlinks are provided on this webpage.

ANNESS IV

Mudell għan-notifika ta' informazzjoni skont l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament

Formola għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2019/1156

MINN:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Posta elettronika:

(*Notifika inizjali*)

Għażiż Sinjur/Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera ta' impriżi ta' investiment kollettiv, nixtieq nipprovdilek l-informazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri:

— il-hyperlink għas-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn tiġi ppubblikata l-informazzjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali applikabbli li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS u s-sommarji tagħhom; kif ukoll

— is-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

It-tabella ta' hawn taħt fiha din l-informazzjoni

Hyperlinks għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti	
Hyperlink għas-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 ġiet ippubblikata fi *[speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali]*	[*Daħħal hyperlink*]
(*Where applicable*) Hyperlink to [*Name of the competent authority*]'s website, where the information referred to in Article 5(1) of Regulation (EU) 2019/1156 hija ppubblikata fi [*speċifika l-lingwa l-oħra*]	[*Daħħal hyperlink*]
Sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni	
Summary of marketing requirements referred to in Article 5(1) of Regulation (UE) 2019/1156 in *[specify the language customary in the sphere of international finance]*	*[Daħħal sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni]*
Summary of marketing requirements referred to in Article 5(1) of Regulation (UE) 2019/1156 in [*specify the other language*]	*Daħħal sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni*]

Dejjem

tiegħek,

[*Firma*]

(Fejn in-notifika tikkonċerna bidla fl-informazzjoni notifikata qabel)

Sinjur/Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2019/1156, nixtieq ninnotifika bidla fl-informazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri (*jew*) il-hyperlink għas-sit web ta' [*isem l-awtorità*], fejn tiġi ppubblikata informazzjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali applikabbli li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-AIFs u l-UCITS u s-sommarji tagħhom, (*u/jew*) is-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-fini ta' pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

It-tabella ta' hawn taħt fiha d-dettalji tal-bidla implimentata fi [*data tal-implimentazzjoni tal-bidla fuq is-sit web tal-awtorità kompetenti*].

Hyperlinks għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti	
Hyperlink ta' qabel	**Hyperlink aġġornata**
Hyperlink għas-sit webta' [*Isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 ġiet ippubblikata fi (*speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali*): [*Daħħal il-hyperlink ta' qabel*]	Hyperlink aġġornata għas-sit web ta' [*Isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 ġiet ippubblikata fi (*speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali*): [*Daħħal il-hyperlink aġġornat*]
Hyperlink għas-sit web ta' [*Isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 ġiet ippubblikata fi [*speċifikal-lingwa l-oħra*]: [*Daħħal il-hyperlink ta' qabel*]	Hyperlink aġġornat għas-sit web ta' *[Isem tal-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 hija ppubblikata fi [*speċifika l-lingwa l-oħra*]: [*Daħħal hyperlink aġġornat*]

u/jew

Sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni	
Sommarju preċedenti tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni	**Sommarju aġġornat tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni**
Verżjoni preċedenti tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni ppubblikata fi [*speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali*]: [*Daħħal il-verżjoni preċedenti tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni*]	Verżjoni aġġornata tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni ppubblikata fi [*speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali*]: [*Daħħal verżjoni aġġornata tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni]*
Verżjoni preċedenti tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni ppubblikata fi [*speċifika l-lingwa l-oħra*]: [*Daħħal il-verżjoni preċedenti tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni*]	Verżjoni aġġornata tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni ppubblikata fi [*speċifika l-lingwa l-oħra*]: [*Daħħal verżjoni aġġornata tas-sommarju tar-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni]*

Dejjem

tiegħek,

[*Firma*]

ANNESS V

Mudell għan-notifika ta' informazzjoni skont l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament

Formola għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2019/1156

MINN:

Stat Membru:

Awtorità kompetenti:

Punt ta' kuntatt maħtur:

Posta elettronika:

Sinjur/Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2019/1156 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar l-iffaċilitar tad-distribuzzjoni transfruntiera ta' impriżi ta' investiment kollettiv, nixtieq nipprovdilek l-informazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-hyperlink għas-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn tiġi ppubblikata informazzjoni dwar it-tariffi jew l-imposti imposti fi [*Stat Membru*] fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-kumpaniji ta' ġestjoni tal-UCITS.

Hyperlinks għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti	
Hyperlink għas-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 ġiet ippubblikata fi [*speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali*]	[*Daħħal hyperlink*]
(*Fejn applikabbli*) Hyperlink għas-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 hija ppubblikata fi [*speċifika l-lingwa l-oħra*]	[*Daħħal hyperlink*]

(*Fejn in-notifika tikkonċerna bidla fl-informazzjoni notifikata qabel*)

Sinjur/Sinjura,

Nixtieq ninnotifika bidla fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2019/1156, jiġifieri l-hyperlink għas-sit web ta' [isem l-awtorità kompetenti], fejn tiġi ppubblikata informazzjoni dwar it-tariffi jew l-imposti imposti fi [Stat Membru] b'rabta mal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-kumpaniji ta' ġestjoni tal-UCITS.

(*Fejn applikabbli*) nixtieq ninnotifika bidla fl-informazzjoni ppubblikata fuq is-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*] fir-rigward tat-tariffi u l-imposti regolatorji imposti fi [*Stat Membru*] fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tal-AIFMs, il-maniġers tal-EuVECA, il-maniġers tal-EuSEF u l-kumpaniji ta' ġestjoni tal-UCITS.

It-tabella ta' hawn taħt fiha d-dettalji tal-bidla implimentata fi [*data tal-implimentazzjoni tal-bidla fuq is-sit web tal-awtorità kompetenti*].

Hyperlinks għas-siti web tal-awtoritajiet kompetenti	
Hyperlink ta' qabel	**Hyperlink aġġornata**
Hyperlink għas-sit webta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 ġiet ippubblikata fi (*speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali*): [*Daħħal il-hyperlink ta' qabel*]	Hyperlink aġġornat għas-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn tiġi ppubblikata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 (*speċifika l-lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali*): [*Daħħal hyperlink aġġornat*]

(*Fejn applikabbli*) Hyperlink għas-sit web ta' [*isem l-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 hija ippubblikata fi [*speċifika l-lingwa l-oħra*]: [*Daħħal il-hyperlink ta' qabel*]	(*Fejn applikabbli*) Hyperlink aġġornata għas-sit web ta' [*isem tal-awtorità kompetenti*], fejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/1156 hija ppubblikatafi hija ppubblikata fi [*speċifikal-lingwa l-oħra*]: [*Daħħal hyperlink aġġornat*]
u/jew	
Dettalji tat-tariffi jew imposti regolatorji	
Tariffi jew imposti regolatorji preċedenti	**Tariffi jew imposti regolatorji aġġornati**
Dettalji preċedenti tat-tariffi jew l-imposti regolatorji:	Dettalji aġġornati tat-tariffi jew l-imposti regolatorji:
[*Daħħal id-dettalji preċedenti tat-tariffi jew l-imposti regolatorji rilevanti*]	[*Daħħal dettalji aġġornati tat-tariffi jew l-imposti regolatorji rilevanti*]
Dejjem tiegħek, [*Firma*]	

ANNESS VI

ID-*DATA* LI GĦANDHA TIĠI PROVDUTA LILL-ESMA GĦALL-ĦOLQIEN U L-MANUTENZJONI TAL-BAŻI TA' *DATA* ĊENTRALI DWAR IL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TRANSFRUNTIERA TAL-AIFS U L-UCITS

Tabella 1

Kampi ta' *data* li għandhom jiġu rrappurtati

Numru	Kamp ta' data	Dettalji li għandhom jiġu rrapportati	Standard u format li għandu jintuża
1	Isem il-fond	Isem sħiħ tal-fond.	{ALPHANUM-350}
2	Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-fond	Identifikatur uniku tal-fond.	{ALPHANUM-35}
3	LEI tal-fond	Identifikatur ta' Entità Ġuridika tal-fond.	{LEI}
4	ISIN tal-klassi ta' ishma	Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli tal-klassi tal-ishma.	{ISIN}
5	Isem il-kumpanija ta' ġestjoni	Isem sħiħ tal-kumpanija ta' ġestjoni.	{ALPHANUM-350}
6	Kumpanija ta' ġestjoni LEI	Identifikatur ta' Entità Ġuridika tal-kumpanija ta' ġestjoni.	{LEI}
7	Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-kumpanija tal-ġestjoni tal-fondi	Identifikatur uniku tal-kumpanija ta' ġestjoni tal-fondi assenjat mill-awtorità kompetenti.	{ALPHANUM-35}
8	Tip ta' fond	Tip ta' fond.	Għażla minn lista ta' kampi ta' *data* definiti minn qabel: — [UCIT] għall-UCITS — [AIFS] għall-AIF — [ESEF] għal EuSEF — [EVCA] għal EuVECA — [LTIF] għal "ELTIF"
9	Stat Membru li jibgħat	Isem tal-Istat Membru li qed jibgħat	{COUNTRYCODE_2}
10	L-Istat Membru ospiti	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw l-Istati Membri ospitanti kollha li fihom il-fond ġie nnotifikat għall-kummerċjalizzazzjoni.	{COUNTRYCODE_2}
11	Data ta' notifika	Għal kull Stat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti għandha tindika meta tkun bagħtet in-notifika ta' kummerċjalizzazzjoni tal-fond lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ospitanti.	{DATEFORMAT}

12	Data ta' denotifika	Għal kull Stat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti għandha tindika meta baġħtet id-denotifika tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fond lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ospitanti.	{DATEFORMAT}
13	Dokumentazzjoni ta' notifika kif imsemmija fl-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2009/65/KE u fl-Artikoli 31(2) u 32(2) tad-Direttiva 2011/61/UE	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw l-isem tal-fajl użat biex tiġi rrappurtata d-dokumentazzjoni ta' notifika.	Format li jippermetti li l-kontenut tad-dokument jiġi analizzat mingħajr il-ħtieġa li d-dokument jiġi kkonvertit f'format ieħor.
14	Lingwa tad-dokumentazzjoni ta' notifika	Lingwa li biha hija abbozzata d-dokumentazzjoni ta' notifika.	{LANGUAGE}
15	Dokumentazzjoni ta' denotifika kif imsemmija fl-Artikolu 93a(2) tad-Direttiva 2009/65/KE u fl-Artikolu 32a(2) tad-Direttiva 2011/61/UE	Fejn applikabbli, indika l-isem tal-fajl użat biex tiġi rrappurtata d-dokumentazzjoni ta' denotifika.	Format li jippermetti li l-kontenut tad-dokument jiġi analizzat mingħajr il-ħtieġa li d-dokument jiġi kkonvertit f'format ieħor.
16	Lingwa tad-dokumentazzjoni tad-denotifika	Lingwa li biha hija abbozzata d-dokumentazzjoni ta' denotifika.	{LANGUAGE}
17	Imqiegħed fis-suq	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw, jekk disponibbli, jekk il-fond huwiex attwalment kummerċjalizzat.	Għażla minn lista ta' kampi ta' *data*definiti minn qabel: — [Y] għal Iva — [N] għal Le — [NA] għal mhux disponibbli
18	Forma tal-fond	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw jekk il-fond huwiex immaniġġat internament.	Għażla minn lista ta' kampi ta' *data*definiti minn qabel: — [Y] għal Iva — [N] għal Le

Tabella 2

Forom tal-kamp ta' *data*

Numru	Simbolu	Tip ta' data	Definizzjoni
1	{ALPHANUM-n}	Sa n karattri alfanumeriċi	Kamp ta' *data* għal test liberu
2	{LEI}	20 karattri alfanumeriċi	Identifikatur ta' Entità Ġuridika kif definit f'ISO 17442
3	{ISIN}	12 karattri alfanumeriċi	Kodiċi ISIN, kif definit f'ISO 6166
4	{COUNTRYCODE_2}	Żewġ karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alfa-2
5	{LANGUAGE}	Kodiċi b'żewġ ittri	ISO 639-1
6	{DATEFORMAT}	Dati fil-format li ġej: SSSS-XX-JJ; Id-dati iridu jiġu rrapportati f'UTC	Format tad-data skont l-ISO 8601